A.L. 241 ta' l-2007

ATT DWAR IS-SIGURTÀ FL-IKEL
(KAP. 449)

Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti Dwar Ikel Dijetetiku għal Skopijiet Mediċi Speċjali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10 ta' l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel, il-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Ikel Dijetetiku għal Skopijiet Mediċi Speċjali, u dawn għandhom jinqraw u jiftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2001 dwar Ikel Dijetetiku għal Skopijiet Mediċi Speċjali, hawn aktar 'il quddiem imsejjħin "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 309 ta' l-2001.

Bidu fis-seħħ.

2. Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2007, iżda prodotti li ma jikkonformawx mad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti iżda li jikkonformaw mar-Regolamenti ta' l-2001 dwar Ikel Dijetetiku għal Skopijiet Mediċi Speċjali, jistgħu jibqgħu jinbiegħu sal-31 ta' Diċembru, 2007.

Skop.

3. Dawn ir-regolamenti jimplimentaw il-provvedimenti tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/82/KE tat-23 ta' Ottubru , 2006.

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

4. Minflok ir-regolament 6.1 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:-

"6.1 (a) L-isem li jingħata lil ikel dijetetiku għal skopijiet mediċi speċifiċi meta jiġi biex jinbiegħ għandu jkun rispettivament:

bil-Malti:

"Ikel dijetetiku għal skopijiet mediċi speċifiċi"

bl-Ingliż:

"Food(s) for special medical purposes"

bit-Taljan:

"Alimento dietetico destinato a fini medici specjali"

(b) Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu (a) ta' dan is-subregolament, il-lista li hemm provdut dwarha fit-Tieni Skeda tispeċifika l-ismijiet li bihom jinbiegħ ikel dijetetiku għal skopijiet mediċi speċifiċi f'kull lingwa tal-Komunità Ewropea."

Jemenda l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

5. It-titolu ta' l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat billi "L-Ewwel Skeda".

Iżid it-Tieni Skeda mar-regolamenti prinċipali.

6. Dan li ġej għandu jiżdied billi t-Tieni Skeda minnufih wara L-Ewwel Skeda kif enumerata mill-ġdid, li tinsab mar-regolamanti prinċipali:-

“ Tieni Skeda

Ismijiet li bihom jinbiegħ ikel dijetetiku għal skopijiet mediċi speċifiċi f’kull lingwa tal-Komunita Ewropea:

— bil-Bulgaru:

“Диетични храни за специални медицински цели”

— bl-Ispanjol:

“Alimento dietético para usos médicos especiales”

— bic-Ċek:

“Dietní potravina určená pro zvláštní lékařské účely”

— bid-Daniż:

“Levnedsmiddel/Levnedsmidler til særlige medicinske formål”

— bil-Germaniż:

“Diätetisches/Diätetische Lebensmittel für besondere medizinische Zwecke (Bilanzierte Diäten)”

— bl-Estonjan:

“Toit meditsiinilisel näidustusel kasutamiseks”

— bil-Grieg:

“Διαιτητικά τρόφιμα για ειδικούς ιατρικούς σκοπούς”

— bl-Ingliż:

“Food(s) for special medical purposes”

— bil-Franciż:

“Aliment(s) diététique(s) destiné(s) à des fins médicales spéciales”

— bit-Taljan:

“Alimento dietetico destinato a fini medici speciali”

— bil-Latvjan:

“Diētiskā pārtika cilvēkiem ar veselības traucējumiem”

— bil-Litwan:

“Specialios medicininės paskirties maisto produktai”

— bl-Ungeriż:

“Speciális – gyógyászati célra szánt – tápszer”

— bil-Malti:

“Ikel dijetetiku għal skopijiet mediċi speċifiċi”

— bl-Olandiż:

“Dieetvoeding voor medisch gebruik”

— bil-Pollakk:

“Dietetyczne środki spożywcze specjalnego przeznaczenia medycznego”

— bil-Portugiż:

“Produto dietético de uso clínico”

— bir-Rumen:

“Alimente dietetice pentru scopuri medicale speciale”

— bis-Slovakk:

“dietetická potravina na osobitné lekárske účely”

— bis-Sloven

“Dietno (dietetično) živilo za posebne zdravstvene namene”

— bil-Finlandiż:

“Kliininen ravintovalmiste/kliinisiä ravintovalmisteita”

— bis-Svediż:

“Livsmedel för speciella medicinska ändamål”.”.